# IT-TIELET PARTI — QORTI TAL-KUMMERĊ

**20 ta' Jannar, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Charles Portelli et.

*versus*

Joseph Darmanin et. pr. et. ne.

**Merkanzija — Konsenja — Terminu — Klawsola "as soon as possible" — Kostituzzjoni in Mora.**

*Skond il-liġi tagħna, meta konvenzjoni ma tiffissax terminu għall-adempiment tagħha, sempliċi ritard tad-debitur, għalkemm prolungat jista' jkun dan ir-ritard, mhux biżżejjed biex id-debitur jiġi dikjarat inadempjenti; imma jeħtieġ li jkun waqa' f'mora bil-kostituzzjoni tiegħu għal dak l-effett b'interpellazzjoni per mezz ta' att ġudizzjarju da parti tal-kreditur.*

*Għaldaqstant, jekk wieħed ikun ordna merkanzija li kellha tiġi minn barra, u ma jiġix fissat terminu meta din il-merkanzija kellha tiġi konsenjata lill-kumpratur, il-venditur li kellu jġib dik il-merkanzija minn barra ma jistax jitqies inadempjenti jekk il-merkanzija tasal b'ċertu ritard, jekk ma kienx ġie kostitwit in mora mill-kumpratur b'att ġudizzjarju; u dan avvolja l-kumpratur ikun qallu li kellu bżonn tal-merkanzija mill-aktar fis, u avvolja jista' jiġi ritenut illi l-merkanzija ġiet ordnata bil-klawsola "as soon as possible"; il-għaliex konvenzjoni li għaliha tiġi addjetta dik il-klawsola tibqa' dejjem konvenzjoni mingħajr terminu. F'tema każ, meta jgħaddi terminu raġonevoli, il-kreditur għandu dritt jikkostitwixxi d-debitur in mora, salv lit-tribunal li jiddeċidi, wara din il-kostituzzjoni in mora, jekk t-terminu li jkun għadda kienx suffiċjenti għall-adempiment tal-obligazzjoni, u jekk il-kostituzzjoni in mora kienetx jew le fondata, f'każ ta' kontestazzjoni bejn il-kontraenti.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-atturi proprio et nomine talbu li l-konvenuti jiġu kundannati "in soli-

dum" iħallsu lilhom £110. 12. 6, prezz ta' "rods" (barramini) u "bits" (aċċessorji tal-istess barramini), kif muri fil-kont prodott bħala dokument "A" mal-istess att ta' ċitazzjoni, u għad-dazju relattiv u "landing charges"; blinteressi kummerċjali u bl-ispejjeż, kompriżi dawk taċċedola ta' depożitu tat-22 ta' April 1958;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-ordinazzjoni tal-merkanzija in kwistjoni da parti taż-żewġ konvenuti — mhux minn wieħed minnhom biss — tirriżulta mid-dokument fil-fol. 19 tal-proċess u middepożizzjonijiet tal-attur Charles Portelli u taż-żewġ konvenuti. Fl-imsemmi dokument, difatti, jingħad illi l-ordni ġiet mogħtija minn "Borg u Darmanin", u ġiet firmata . . . . . . ;

Illi l-merkanzija ġiet ordnata fis-16 ta' Novembru 1955 u waslet fil-15 ta' Mejju 1956. Ma ġiex stabbilit żmien għall-konsenja, għaliex ma tidher ebda fissazzjoni ta' terminu fl-imsemmi dokument konstatanti l-ordinazzjoni; u dan jirriżulta wkoll mix-xhieda tal-attur Charles Portelli u minn dik tal-konvenut Giuseppe Borg, li qal li ma jiftakarx li ffissaw żmien li fih il-merkanzija kellha tasal. Dan Borg, però, qal li hu avża lill-attur li kellhom bżonn l-għodda, jiġifieri l-merkanzija, għaliex il-merkanzija tikkonsisti f'għodda, mill-aktar fis. Ma jirriżulta minn imkien li sar xi ftehim mal-atturi li l-għodda kellha sservi għax-xogħol li l-konvenuti kienu allura qegħdin jagħmlu fl-Airport ċivili;

Tikkunsidra;

Illi skond il-liġi tagħna, meta konvenzjoni ma tiffissax terminu għall-adempiment tagħha, sempliċi ritard taddebitur, għalkemm prolungat jista' jkun dak ir-ritard, mhux biżżejjed biex id-debitur jiġi dikjarat inadempjenti; imma jeħtieġ li jkun hemm ritard legali, jiġifieri li d-debitur ikun waqa' f'mora bil-kostituzzjoni tiegħu għal dak l-

eftett b'interpellazzjoni per mezz ta' att ġudizzjarju da parti tal-kreditur;

Illi l-konvenuti ma jippruvawx li bagħtu lill-atturi xi att ġudizzjarju, qabel ma waslet il-merkanzija, biex jikkostitwuhom in mora; u għalhekk l-atturi ma waqgħux fl-ebda mora, ossija ritard legali, fl-eżekuzzjoni tal-obligazzjonijiet tagħhom;

Illi anki jekk il-konvenut Borg qal lill-attur Charles Portelli, meta għamillu l-ordni, li l-konvenuti kellhom bżonn l-għodda mill-aktar fis, u jiġi ritenut li dan jammonta għall-istipulazzjoni tal-klawsola "as soon as possible", klawsola li iżda ma tiffigurax fl-imsemmi dokument kuntrattanti l-ordinazzjoni, iċ-ċirkustanzi jibqgħu l-istess; il-għaliex din il-klawsola ma timpurtax fissazzjoni ta' terminu, u l-konvenzjoni li għaliha dik il-klawsola tiġi addjetta tibqa' dejjem konvenzjoni mingħajr terminu. F'liema każ, meta jgħaddi żmien raġjonevoli, il-kreditur għandu d-dritt jikkostitwixxi d-debitur in mora; salv lit-tribunal li jiddeċidi, wara din il-kostituzzjoni in mora, jekk itterminu li jkun għadda kienx suffiċjenti għall-adempiment tal-obligazzjoni, u jekk il-kostituzzjoni in mora kienetx jew le fondata, f'każ ta' kontestazzjoni bejn il-kontraenti (Kol. Vol. XXIV-I-1116, "Cilia vs. Wismayer");

Illi s-somma mitluba bħala prezz tal-merkanzija fuq riferita hija ġustifikata bid-dokumenti li ġew eżibiti;

Għaldaqshekk;

Tiddeċidi adeżivament għall-istanza; bl-ispejjeż.